# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1/2019 JVC**

**Alfred Degiorgio u George Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali fejn ir-rikorrent Alfred Degiorgio u George Debono premettew u talbu kif isegwi:

'Illi huma ilhom arrestati min-nhar l-4 ta' Dicembru, 2017 u nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 gew imressqa quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja akkuzati b'diversi reati, fost liema, talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolozament bil-hsieb illi joqtlu lill-persuna u cjoe' lil Daphne Caruana Galizia jew li jqeghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt;

Illi f'dawn l-atti huma ghamlu diversi talbiet ghall-helsien mill-arrest li dejjem gew opposti mill-intimat l-Avukat Generali u dejjem gew michuda kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kif ukoll mill-Qorti Kriminali;

Illi inoltre l-esponenti tressqu wkoll b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja nhar is-27 ta' Gunju, 2018 akkuzati bir-reat ta' *money laundering*. F'dawk l-atti wara li nstemghu kwazi l-provi kollha, l-esponenti talbu l-helsien mill-arrest li ghalkemm inghatalhom taht kundizzjonijiet stretti hafna mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja, tali helsien mill-arrest gie revokat mill-Qorti Kriminali wara appell ta' l-intimat l-Avukat Generali u gie sussegwentament michud mill-istess Qorti Kriminali wara illi rega' intalab mill-esponenti;

Illi l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali sabiex jichdu t-talbiet ghall-helsien mill-arrest ta' l-esponenti huma tali illi juru illi l-ebda qorti minn dawn ma hija qatt ser taghtihom il-helsien mill-arrest anke ghaliex issa l-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali esprimew il-fehma taghhom b'mod ghal kollox avvers fir-rigward ta' l-ghoti tal-helsien mill-arrest lill-esponenti;

Illi inoltre u kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza, l-analizi u l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali bl-ebda mod ma jsegwu l-insenjament ta' dina l-Onorabbli Qorti u tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma' l-ghoti tal-helsien mill-arrest;

Illi maghdud ma' dan ser jirrizulta ukoll illi l-ebda qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ma kienet propensa illi tilhaq bilanc bejn id-dritt ta' l-esponenti illi jinghataw il-helsien mill-arrest u l-bizat ghalkemm ipotetici li bihom oppona ruhu l-intimat l-Avukat Generali ghal tali talbiet;

Illi l-Istat qieghed jonqos ukoll ghaliex f'Malta ma ghandniex u l-Istat qieghed jonqos milli jintroduci sistema ta' *electronic tagging* ta' persuni illi jitolbu u jinghataw il-helsien mill-arrest, meta kieku ghandna tali sistema ta' *electronic tagging* l-Istat ikun jista' jaffettwa s-sorveljanza li ghandu jaffettwa sabiex johloq dak il-bilanc xieraq u neccessarju bejn l-interessi ta' akkuzati inkluzi l-esponenti u l-interessi tas-socjeta' in generali;

Illi c-cahdiet ta' l-ghoti tal-helsien mill-arrest lill-esponenti illum qeghdin jikkostitwixxu lezjoni ta' l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq premess, filwaqt illi l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti l-fakulta' lill-intimat l-Avukat Generali illi jappella decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja meta tali qorti taghti l-helsien mill-arrest lill-persuna akkuzata, tali

persuna akkuzata ma ghandha l-ebda dritt illi tappella decizjonijiet ta' l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja meta dik il-qorti ma taghtix il-helsien mill-arrest. L-unika dritt illi persuna akkuzata ghandha huwa illi tirrikorri quddiem il-Qorti Kriminali, meta l-atti jkunu rinvijati lill-intimat l-Avukat Generali, u taghmel talbiet ghal helsien mill-arrest izda dan id-dritt mhuwiex dritt ta' appell kif ghandu l-intimat l-Avukat Generali;

Illi l-esponenti jirrilevaw illi bhala fatt fil-kaz imsemmi fl-ewwel premessa ta' dan ir-rikors huma talbu kemm-il darba lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja sabiex taghtihom il-helsien mill-arrest u dana l-beneficcju gie michud lilhom kull darba u huma ma kellhom u ma ghandhom l-ebda dritt illi jappellaw minn tali decizjonijiet. Kieku huma inghataw tali helsien mill-arrest, l-intimat l-Avukat Generali kien ikollu d-dritt illi jappella. Fil-kaz l-iehor illi huwa msemmi fit-tielet premessa ta' dan ir-rikors, huma talbu l-helsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja u huma kienu inghataw tali beneficcju izda l-intimat l-Avukat Generali appella u l-beneficcju illi kien inghata lilhom gie revokat mill-Qorti Kriminali. Ghalhekk l-intimat l-Avukat Generali ghandu dritt illi jappella li l-esponenti ma ghandhomx. Fiz-zewg kazijiet, kull talba illi huma ghamlu quddiem il-Qorti Kriminali giet michuda u r-ragunijiet li inghataw huma illi dik il-Qorti issa iddecidiet u donnu ma hemm xejn aktar illi jistghu jghamlu sabiex jiksbu l-helsien mill-arrest. Dana, fost l-ohrajn, ghaliex id-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma hija sindakabbli bl-ebda mod;

Illi dana kollu qieghed johloq sitwazzjoni fejn hemm ksur tal-principju ta' l-"equality of arms", tad-dritt ta' smiegh xieraq u tad-

dritt ghal protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja u ghalhekk l-Istat qieghed jonqos anke f'dan l-aspett;

Illi l-esponenti jsostnu illi fil-konfront taghhom qieghed jigi wkoll miksur id-dritt taghhom ta' tgawdija tad-drittijiet u libertajiet fundamentali taghhom hekk kif kontenuti fil-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'mod partikolari d-dritt ghal-liberta' taghhom minghajr diskriminazzjoni u dana kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra illi jigu spjegati u jirrizultaw matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qeghdin jirrikorru ghal rimedju minghand dina l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet hawn esposti fil-konfront taghhom hemm ksur ta' l-artikoli 5, inkluz l-artikolu 5 (3), 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Taghtihom rimedju effettiv u dana billi tordna illi huma jinghataw il-helsien mill-arrest taht kundizzjonijiet xierqa;

3. Taghtihom kumpens xieraq ghal ksur hawn fuq imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Generali llum Avukat tal-l-Istat kif isegwi:

'Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq tlett artikoli konvenzjonali kif imfisser fir-rikors promotur taghhom u cioe' fuq allegat ksur ta' l-artikoli 5 inkluz l-artikolu 5 (3), 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jibda biex jinghad li dawn l-artikoli huma intizi sabiex iharsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx wahda arbitrarja skont l-artikolu msemmi dik id-detenzjoni trid tkun skont il-ligi u konsistenti mal-ghan tal-istess artikoli u cioe' li l-individwu jigi mhares mill-arbitrarjeta'. Illi madanakollu dan il-principju mhuwiex wiehed assolut u dan stante li dan l-artikolu jikkontjeni lista ezawrenti tar-ragunijiet li ghalihom tista' titnehha l-liberta' ta' xi persuna. Wahda mir-ragunijiet li skont l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea jiggustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' hija dik mahsuba fil-paragrafu (c) tal-istess artikolu u cioe' meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-ligi u effetwata sabiex il-persuna tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat. In kwantu ghas-suspett ragonevoli mehtieg skont l-Artikolu 5 (1) (c) imsemmi, il-kriterju tar-ragonevolezza huwa wiehed oggettiv. Suspett ragonevoli

jippresupponi l-ezistenza ta' fatti jew informazzjoni tali li jissodisfaw li osservatur oggettiv li l-persuna koncernata setghet ikkomettiet reat.

Illi r-rikorrenti mhumiex qeghdin jikkontestaw li l-arrest sar 'skont il-ligi' u 'skont il-procedura preskritta bil-ligi'. L-arrest tar-rikorrenti sar ai termini tal-provvedimenti tal-Kodici Kriminali u dan stante li l-Pulizija kienet sodisfatta bl-ezistenza tar-rekwizit ta' suspett ragonevoli kemm sabiex tarresta u kemm sabiex tressaq lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'akkuzi ta' reat kriminali.

Illi gialadarba gie stabbilit li l-arrest inizzjali kif ukoll il-prezentata b'arrest tar-rikorrenti kien imsejjes u mqanqal fuq suspett ragonevoli skont kif jipprovdi l-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni, il-pass li jmiss huwa li wiehed jezamina jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrenti huwiex gustifikat u permissibbli fil-qafas tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni. Illi jirrizulta li r-rikorrenti prezentaw hames rikorsi sabiex jinhelsu mill-arrest (tlett rikorsi kienu ipprezentati quddiem il-Qorti Kriminali u zewg rikorsi ohra kienu prezentati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja) liema talbiet ma ntlaqghux u dan peress li l-Qrati ma hassewx li kien ghaqli li r-rikorrenti jinhelsu mill-arrest u dan abbazi tar-ragunijiet dettaljati li l-istess Qrati taw fid-Digrieti taghhom. Illi ghalhekk certament li ma jistax jinghad li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti huwa b'xi mod kappriccjuz, specjalment tenut kont tal-fatt li l-Qrati cahdu t-talba ghall-helsien mill-arrest abbazi ta' diversi kriterji inkluz il-gravita' tar-reat liema

gravita′ giet ezaminata fil-kumpless ta′ fatturi ohra bhal possibilita′ tal-harba u possibilita′ ta′ intralc tal-provi fl-ambitu wkoll tal-piena marbuta mal-imputazzjonijiet detotti kontra r-rikorrenti. Il-Qrati taw ukoll piz lill-affidabilita′ tar-rikorrenti anke abbazi tal-fatt li r-rikorrenti ghamlu t-talbiet ghall-helsien mill-arrest b′mod kollegjali minflok b′mod individwali liema fattur wassal lill-Qrati penali sabiex ma jissodisfawx ruhhom li r-rikorrenti jistghu joqghodu mal-kundizzjonijiet li l-Qrati penali jistghu jimponu b′kaz li l-helsien mill-arrest ikun akkordat.

Illi in kwantu r-rikorrenti jallegaw li l-konsiderazzjonijiet tal-qrati penali li bihom gew michuda t-talbiet ghall-helsien mill-arrest taghhom huma tali li l-ebda qorti ma hija ser takkordalhom il-helsien mill-arrest, l-esponenti jissottometti li d-Digrieti tal-Qrati penali huma studjati bil-fatturi li fuqhom huma msejsa jigu mfissra bl-aktar mod metikoluz liema Digrieti juru bic-car li c-cahda mhijiex wahda kapriccjuza jew arbitrarja.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-persuna akkuzata ma ghandhiex dritt ta′ revizjoni ta′ decizjonijiet dwar il-helsien mill-arrest u dan ghall-kuntrarju tad-dritt li ghandu l-Avukat Generali li jappella mill-ghoti tal-helsien mill-arrest, l-esponenti jirrileva li f′kaz li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tichad it-talba, l-esponenti jissottometti li l-imputat ghandu d-dritt li jipprezenta talba ohra ghall-helsien mill-arrest liema talba toffri salvagwardji bizzejjed sabiex awtorita′ gudizzjarja tezamina jekk l-arrest jkunx ghadu necessarju. Illi d-dritt ta′ appell mhuwiex dritt assolut u li jista′ jigi suggett ghall-

limitazzjonijiet. Illi fil-kaz odjern, il-Kodici Kriminali jahseb sabiex persuna li jkollha proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Istruttorja tkun tista' tintavola talbiet ghall-helsien mill-arrest quddiem dik il-qorti kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali f'kaz li l-process ikun rinvijat ghand l-Avukat Generali. Illi dan ifisser li r-rikors ghall-helsien mill-arrest ta' imputat jigi deciz minn gudikant iehor, f'dan il-kaz l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi l-Qorti Kriminali, u mhux mill-Magistrat li jkun qieghed jisma' l-Istruttorja. Il-fatt li dak id-digriet mhux appellabbli da parti tal-imputat bl-ebda mod ma jnaqqar mid-dritt tieghu protett permezz tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u dan peress li l-imputat ghandu kull dritt li jipprezenta rikors iehor sabiex jitlob il-helsien mill-arrest.

Illi maghdud ma' dan, l-imputat li in konfront tieghu tkun ghaddejja kumpilazzjoni jibbenefika wkoll mit-thaddim tal-Artikolu 401 tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja hija obbligata *ex lege* li kull hmistax-il gurnata tezamina jekk l-arrest tal-imputat ikunx ghadu gustifikat.

2. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur ta' dritt ghal smigh xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) jipprovdi wkoll li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffrewx ksur tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gjust.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-procedura in konfront tar-rikorrenti qieghdha tinstema' minn 'qorti' u cioe' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja filwaqt li r-rikors tat-talbiet ghall-helsien mill-arrest instemghu u gew Degretati kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u mill-Qorti Kriminali u ghalhekk ir-rekwiziti ta' 'tribunal' li ghalih jirreferi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma sodisfatti u f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Le Compte, Van Leuven and Meyere** deciza fit-23 ta' Gunju 1981 fejn gie stabbilit illi *'…the use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements – independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of article 6 (1) itself'.*

Illi l-fatt fih innifsu illi l-Qorti hija presjeduta minn Magistrat jew Imhallef, skont il-kaz, hija garanzija fiha nnfisha ta'

indipendenza u imparzjalita'. In oltre, il-procedura nnifisha toffri garanziji estensivi biex jissalvagwardjaw lill-gudikant minn pressjonijiet esterni. Fil-kaz **Piersack** deciz fl-1 ta' Ottubru 1982 il-Qorti Ewropea osservat illi '*Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par. 1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect*'.

Illi l-esponenti jirrileva ukoll li l-fatt li ligi tipprovdi access limitat ghall-Qorti fis-sens li l-imputat ma ghandux dritt li jappella minn Digriet ta' cahda ghall-helsien mill-arrest bl-ebda mod ma jfisser li hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Tali restrizzjonijiet u limitazzjonijiet huma permissibbli u mhux lezivi tal-Artikolu 6 tal-Konvenjzoni. Illi l-punt kardinali relatat mal-kaz odjern jibqa' li dan id-dritt ta' access jista' jkun limitat u dan kien stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-kaz *Fayed v UK*. Il-Qorti Ewropea stabilliet ukoll f'diversi kazijiet illi anke meta individwi ikunu prekluzi milli jadixxu lill-qorti ghal ragunijiet differenti, dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qorti.

F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet *Devenney v. The United Kingdom*[1] fejn il-Qorti Ewropea osservat illi dawn il-limitazzjonijiet '… *are permitted*

[1] Application Number 24265/94 deciza fid-19 ta' Marzu 2002.

*by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State'.*

3. Illi in kwantu r-rikorrenti qeghdin jallegaw ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' *'like with like'*. Di piu, l-esponenti jissottometti illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea illi mhux kull *"distinzjoni"* necessarjament tammonta ghal *"diskriminazzjoni"* fis-sens ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Illi certament li l-paragun li r-rikorrenti qeghdin jippruvaw jaghmlu bejn l-fatt li l-Avukat Generali jista' jappella decizjoni filwaqt li l-imputat ma jkunx jista' jipprezenta tali appell huwa paragun li ma jissodisfax ir-rekwiziti li jahseb ghalihom dana l-artikolu konvenzjonali.

4. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjez.'

Rat il-provi u dokumentazzjoni kollha esebita fl-atti;

Rat il-verbal tas-16 ta' April, 2019 fejn l-Avukat William Cuschieri:

'kkjarifika li l-premessa fir-rikors promotur li diga saret referenza ghaliha tfisser illi r-rikorrenti ghamlu dejjem l-istess talba identika ghal 'bail', liema talba tinstema' min-numru limitat ta' gudikanti

għal aktar minn darba u fejn sad-data tal-preżentata tar-rikors promotur tali ġudikanti sedenti fil-Qorti Kriminali kienu diġa esprimew il-fehma tagħhom li r-rikorrenti ma jingħatawx 'bail'. Għalhekk saret it-talba biex tinħareġ ingunzjoni u tingħata l-informazzjoni f'punt numru wieħed (1) u raġuni minnhom għaliex saret din il-kawża hija hekk ukoll.'

Rat li konsegwentement din il-Qorti diversament preseduta fl-istess verbal iddikjarat kif isegwi:

'Il-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet filwaqt li ser takkorda l-esebizzjoni tad-digrieti relattivi għal 'bail' u ta' astensjoni ma tqisx li l-prova l-oħra rikjesta hija rilevanti stante li ma jirriżultax mill-atti li hemm xi imputazzjoni ta' preġudizzju kontra l-ġudikanti li diġa trattaw it-talbiet rilevanti għall-każ.'

Rat li fil-verbal tat-3 ta' Ottubru, 2019 fejn din il-Qorti kienet qed tiġi preseduta għall-ewwel darba mill-ġudikant suesposta, Dr William Cuschieri talab li jingħata żmien sabiex jirregola ruħu in vista li fil-mori tad-differiment kien inħareġ l-att ta' akkuża fil-konfront tar-rikorrenti.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 30 ta' Ottubru, 2019 li permezz tagħha ddikjaraw li:

'huma beħsiebhom iżommu fermi, sħaħ u impreġudikati t-talbiet tagħhom f'dina l-kawża u li ser jissoktaw bil-provi tagħhom.'

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Jannar, 2020 Dr Victoria Buttigieg talbet in vista tal-bidla fil-liġi illi l-intimat Avukat Ġenerali kif indikat fl-

okkju jigi korrett ghal Avukat tal-Istat. Rat li din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni rikjesta.

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Jannar, 2021 l-intimat Avukat tal-Istat irrileva kif isegwi:

'li fil-mori tal-proceduri odjerni l-Avukat Generali fis-16 ta' Lulju 2019 ipprezentat att ta' akkuza numru 7/2019 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Geroge Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat. Sussegwentement l-istess rikorrenti qajjmu numru ta' eccezzjonijiet preliminari li gew decizi mill-Qorti Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2019 u li minn dik is-sentenza sar appell li ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) li huwa appuntat ghas-27 ta' Jannar 2021.'

Rat li Dr William Cuschieri ghar-rikorrenti fl-istess verbal qabel bhala fatti u zied illi l-patrocinati tieghu ghamlu talba anki quddiem il-Qorti Kriminali ghal liberta' provizorja, liema talba izda giet michuda.

Semghet it-trattazzjoni estensiva tal-Avukati tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2021 liema trattazzjoni giet ukoll traskritta;

Rat illi fil-verbal datat 11 ta' Frar 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi dan ir-rikors kostituzzjonali gie ntavolat minn Alfred Degiorgio u George Degiorgio wara li huma gew arrestati nhar l-4 ta' Dicembru, 2017 u mressqa quddiem il-Qorti Istruttorja nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 akkuzati b'diversi reati fost ohrajn li f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel l-istess data dolozament bil-hsieb illi joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jqeghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunaw il-mewt taghha.

Jirrizulta li sad-data tal-intavolar tar-rikors odjern cioe' nhar it-3 ta' Jannar, 2019 iz-zewg rikorrenti kienu ghadhom arrestati taht arrest preventiv u fil-fatt ghadhom hekk arrestati sal-gurnata ta' din id-decizjoni nonostante li ntavolaw diversi talbiet quddiem qrati diversi u b'mod konsistenti sabiex jinghataw il-liberta provizorja.

Permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti principalment qed jallegaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom:

(i) kif relatati mad-dewmien sabiex jinghataw il-helsien mill-arrest, b'referenza ghall-allegat ksur tal-artikolu 5 (Id-dritt ghall-liberta' u s-sigurta') sub-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem;

(ii) in-nuqqas ta' smigh xieraq in relazzjoni mal-ilment li filwaqt li l-Avukat Generali ghandu dritt jappella minn decizjoni jekk tinghata l-liberta' provizorja lill-imputati/akkuzati, da parti taghhom l-imputati/akkuzati ma ghandhomx dan id-dritt u dan b'allegat ksur tal-artikolu 6 (Id-dritt ghal procediment gust) tal-istess Konvenzjoni.

(iii) Dwar l-istess nuqqas ta' dritt ghal appell ir-rikorrenti jsostnu wkoll li qed isofru minn diskriminazzjoni fit-termini tal-artikolu 14 (Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni) tal-Konvenzjoni.

Kif gia suespost hemm qbil bejn il-partijiet li fis-16 ta' Lulju 2019 gie pprezentat att ta' akkuza numru 7/2019 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Geroge Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vincent Muscat. Ghalhekk sa mis-16 ta' Lulju, 2019 ir-rikorrenti m'humiex biss imputati izda jinsabu akkuzati pendenti li jinstema' l-guri. Jirrizulta mill-atti li wara li nharget l-akkuza r-rikorrenti ntavolaw diversi rikorsi sabiex jinghataw il-helsien mill-arrest izda dawn baqghu jigu michuda.

Jirrizulta wkoll li wara l-imputazzjoni dwar il-qtil tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia, l-istess rikorrenti gew imputati wkoll b'akkuzi relatati ma' riciklagg ta' flus quddiem il-Qorti Istruttorja nhar is-27 ta' Gunju, 2018. Jirrizulta li anki f'dawk il-proceduri saru diversi talbiet ghall-helsien mill-arrest. It-talba ntavolata nhar is-7 ta' Settembru, 2018 giet milqugha nhar it-30 ta' Ottubru, 2018 mill-Qorti Istruttorja preseduta mill-Magistrat Joseph Mifsud izda l-Avukat Generali appella mid-digriet quddiem il-Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Mhallef Edwina Grima. Permezz ta' decizjoni datata l-ghada l-1 ta' Novembru, 2018 dik il-Qorti rrevokat l-ghoti tal-helsien mill-arrest. Jirrizulta in oltre li f'dawk il-proceduri wara li gew dikjarati maghluqa l-provi nhar is-26 ta' Frar, 2019 permezz ta' decizjoni tal-Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Mhallef Giovanni Grixti r-rikorrenti odjerni nghataw il-liberta kkundizzjonata taht diversi kundizzjoni f'dawk il-proceduri ta' allegat riciklagg ta' flus. Ir-rikorrenti odjerni izda baqghu ma usufruwewx minn dik il-liberta` provizorja stante li

baqghu arrestati taht arrest preventiv fil-proceduri relatati mal-allegat qtil.

Permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara ksur tal-artikoli msemmija, li taghti rimedju effettiv fosthom il-helsien mill-arrest taht kundizzjonijiet xierqa u wkoll il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Da parti tieghu l-Avukat Generali llum fil-proceduri Avukat tal-Istat jirrispondi li l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni huwa intiz sabiex ihares lill-individiwu minn detenzjoni abritrarja. Jinsisti li detenzjoni ma tkunx kunsidrata arbitrarja jekk tkun skond il-ligi u konsistenti mal-ghan tal-istess artikolu 5. Izid li dan l-artikolu jipprovdi lista' ezawrenti tar-ragunijiet li ghalihom tista titnehha l-liberta ta' persuna u appuntu l-artikolu 5 (1) (c) jiprovdi li persuna tista tinzamm arrestat meta jkun hemmm suspett ragonevoli u jsostni li dan huwa kriterju oggettiv in relazzjoni ma esitenza ta' fatt. Jsostni li r-rikorrenti inizjalment gew arrestati fuq suspett ragonevoli u li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni taghhom hija gustifikata u permissibbli taht il-qafas tal-artikolu 5 (3) tal-konvenzjoni.

Dwar in-nuqqas ta' dritt ta' appell lill-imputat/akkuzat f'kaz ta' cahda ghall-liberta' provizorja l-intimat Avukat tal-Istat isostni li d-dritt ta' appell mhux assolut u wkoll li n-nuqqas ta' appell huwa bilancjat mid-dritt tal-imputat li jista' jipprezenta meta jrid talba ghall-helsien mill-arrest liberament minghajr ebda restrizzjoni kemm quddiem il-Magistrat li jkun qed jippresjedi l-Qorti Istruttorja kif ukoll quddiem l-Imhallef tal-Qorti Kriminali fil-hin li l-atti jkunu rinvjati ghand l-Avukat Generali. Jaghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 401 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali minn

fejn johrog l-obbligu tal-Qorti istruzzjoni li tezamina jekk l-arrest tal-imputat ikun ghadu gustifikat kull hmistax-il gurnata. B'referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea jzid li limitazzjonijiet fuq id-dritt ta' appell huma awtorizzati stante li ir-regolamentazzjoni hija dejjem mehtiega.

Finalment dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 14 l-Avukat tal-Istat isostni li n-nuqqas ta' dritt ta' appell ma jaqax fil-parametri tal-istess artikolu stante li dan l-artikolu jipprovdi lista ezawrjenti ta' dawk l-atti diskriminatorji koperti mill-istess.

**A. Allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem – Id-dritt ghal-liberta' u s-sigurta':**

Illi l-parti rilevanti ta' dan l-artikolu ghall-kaz odjern taqra kif isegwi:

'1. Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi:

. . . (c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat;

. . . 3. Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien

ragonevoli ghall-helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.'

Illi l-Guide on Article 5 of the Convention li ghalih ghamel referenza ampja l-Avukat tar-rikorrenti fit-trattazzjoni finali tieghu dwar dawn il-provvedimenti fil-parti rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

## 'C. Right to trial within a reasonable time or to be released pending trial (Article 5 § 3)

| |
|---|
| **Article 5 § 3 of the Convention**<br>"3. Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1 (c) of this Article ... shall be entitled to trial within a reasonable time or to release pending trial. Release may be conditioned by guarantees to appear for trial." |
| **HUDOC keywords**<br>Trial within a reasonable time (5-3) – Release pending trial (5-3) – Length of pre-trial detention (5-3) – Reasonableness of pre-trial detention (5-3) – Conditional release (5-3) – Guarantees to appear for trial (5-3) |

### 1. Period to be taken into consideration

195. In determining the length of detention pending trial under Article 5 § 3 of the Convention, the period to be taken into consideration begins on the day the accused is taken into custody and ends on the day when the charge is determined, even if only by a court of first instance (see, for example, *Selahattin Demirtaş v. Turkey (no. 2)* [GC], § 290; *Štvrtecký v. Slovakia*, § 55; *Solmaz v. Turkey*, §§ 23- 24; *Kalashnikov v. Russia*, § 110; *Wemhoff v. Germany*, § 9).

196. In view of the essential link between Article 5 § 3 of the Convention and paragraph 1 (c) of that Article, a person convicted at first instance cannot be regarded as being detained "for the purpose of bringing him before the competent legal authority on reasonable suspicion of having committed an offence", as specified in the latter provision, but is in the position provided for by Article 5 § 1 (a), which authorises deprivation of liberty "after conviction by a competent court" (*Belevitskiy v. Russia*, § 99; *Piotr Baranowski v. Poland*, § 45; *Górski v. Poland*, § 41).

### 2. General principles

197. The second limb of Article 5 § 3 does not give judicial authorities a choice between either bringing an accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release pending trial. Until conviction, he must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require his provisional release once his continuing detention ceases to be reasonable.
198. The question whether a period of time spent in pre-trial detention is reasonable cannot be assessed in the abstract. Whether it is reasonable for an accused to remain in detention must be assessed on the facts of each case and according to its specific features. Continued detention therefore can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.
199. The responsibility falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable time. To this end they must, paying due regard to the principle of the presumption of innocence, examine all the facts arguing for or against the existence of the above-mentioned demand of public interest justifying a departure from the rule in Article 5 and must set them out in their decisions on the applications for release. It is essentially on the basis of the reasons given in these decisions and of the established facts stated by the applicant in his appeals that the Court is called upon to decide whether or not there has been a violation of Article 5 § 3 (*Buzadji v. the Republic of Moldova* [GC], §§ 89-91; *McKay v. the United Kingdom* [GC], §§ 41-43).
200. The persistence of a reasonable suspicion is a condition sine qua non for the validity of the continued detention. But when the national judicial authorities first examine, “promptly” after the arrest, whether to place the arrestee in pre-trial detention, that suspicion no longer suffices, and the authorities must also give other relevant and sufficient grounds to justify the detention (*Merabishvili v. Georgia* [GC], § 222, and *Buzadji v. the Republic of Moldova* [GC], § 102). Where such the grounds continued to justify the deprivation of liberty, the Court must also be satisfied that the national authorities displayed “special diligence” in the conduct of the proceedings (*Buzadji v. the Republic of Moldova* [GC], § 87; *Idalov v. Russia* [GC], § 140).
201. The arguments for and against release must not be “general and abstract” (*Boicenco v. Moldova*, § 142; *Khudoyorov v. Russia*, § 173), but contain references to the specific facts and the applicant’s personal circumstances justifying his detention (*Aleksanyan v. Russia*, § 179; *Rubtsov and Balayan v. Russia*, §§ 30-32).
202. Quasi-automatic prolongation of detention contravenes the guarantees set forth in Article 5 § 3 (*Tase v. Romania*, § 40).
203. It falls on the authorities to establish the persistence of reasons justifying continued pre-trial detention (*Merabishvili v. Georgia* [GC], § 234). The burden of proof in these matters should not be reversed by making it incumbent on the detained person to demonstrate the existence of reasons warranting his release (*Bykov v. Russia* [GC], § 64).

204. Where circumstances that could have warranted a person's detention may have existed but were not mentioned in the domestic decisions it is not the Court's task to establish them and to take the place of the national authorities which ruled on the applicant's detention (*ibid.*, § 66; *Giorgi Nikolaishvili v. Georgia*, § 77). It is only by giving a reasoned decision that there can be public scrutiny of the administration of justice (*Tase v. Romania*, § 41).

## 3. Justification for any period of detention

205. Article 5 § 3 of the Convention cannot be seen as authorising pre-trial detention unconditionally provided that it lasts no longer than a certain minimum period. Justification for any period of detention, no matter how short, must be convincingly demonstrated by the authorities (*Idalov v. Russia* [GC], § 140; *Tase v. Romania*, § 40; *Castravet v. Moldova*, § 33; *Belchev v. Bulgaria*, § 82).

## 4. Grounds for continued detention

206. The Convention case-law has developed four basic acceptable reasons for refusing bail: (a) the risk that the accused will fail to appear for trial; (b) the risk that the accused, if released, would take action to prejudice the administration of justice, or (c) commit further offences, or (d) cause public disorder (*Buzadji v. the Republic of Moldova* [GC], § 88; *Tiron v. Romania*, § 37; *Smirnova v. Russia*, §59; *Piruzyan v.Armenia*, §94). Those risks must be duly substantiated, and the authorities' reasoning on those points cannot be abstract, general or stereotyped (*Merabishvili v. Georgia* [GC], § 222). However, nothing precludes the national judicial authorities from endorsing or incorporating by reference the specific points cited by the authorities seeking the imposition of pre-trial detention (*ibid*., § 227).

### a. Danger of absconding

207. The danger of absconding cannot be gauged solely on the basis of the severity of the sentence risked. It must be assessed with reference to a number of other relevant factors which may either confirm the existence of a danger of absconding or make it appear so slight that it cannot justify pre- trial detention (*Panchenko v. Russia*, § 106).

208. The risk of absconding has to be assessed in light of the factors relating to the person's character, his morals, home, occupation, assets, family ties and all kinds of links with the country in which he is being prosecuted (*Becciev v. Moldova*, § 58).

209. The mere absence of a fixed residence does not give rise to a danger of flight (*Sulaoja v. Estonia*, § 64).

210. The danger of flight necessarily decreases with the passages of time spent in detention (*Neumeister v. Austria*, § 10).

*Hija allura il-fehma ta' din il-Qorti ghal motivi hawn fuq migjuba illi ghalkemm kif inghad il-proceduri jinsabu fi stajdu avvanzat madanakollu minhabba l-fattispecje partikolari ta' dan il-kaz meta ghad hemm il-periklu li jista' jinholoq pregudizzju serju fil-kors tal-amministrazzjoni tal-gustizzja minhabba n-natura gravi tar-reati li dwarhom jinsabu mixlija r-rikorrenti, ghadha tezisti dik il-biza rejali ravvizata fl-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali li almentu f'dan l-istadju ghadha tiggustifika d-detenzjoni tar-rikorrenti.'* (fol. 274 et seq)

7. 10 ta' Lulju, 2019: Rikors kontenenti talba ghall-liberta' provizorja tar-rikorrenti odjerni prezentat quddiem il-Qorti Kriminali wara li kienet inharget l-att ta' akkuza nhar is-16 ta' Lulju, 2019 (fol 261 et seq). Dan ir-rikors gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Mhallef Giovanni Grixti nhar it-22 ta' Lulju, 2019 fejn it-talba ghall-helsien mill-arrest giet michuda kif isegwi:

*'1. Illi kif jemergi mill-atti processwali r-rikorrenti ilhom mizmuma that arrest preventive mill-5 ta' Dicembru, 2017 pendenti l-kumpilazzjoni fil-proceduri kriminali kontra taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Huma ghamlu diversi talbiet ghall-helsien mill-arrest li lkoll kienu michuda u issa li, skond l-imputati, l-kumpilazzjoni wasslet fi tmiemha, ma ghadx hemm ragunijiet ghaliex*

*ghandhom jibqghu ikunu mizmuma taht arrest ghaliex ma ghax hem mil-bizat ravvizti fl-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali;*

*2. L-istess rikorrenti isostnu illi l-kontinwazzjoni tal-arrest taghhom qed jipprivhom mit-thejjija ta' difiza fil-kaz kontra taghhom;*

*3. Illi l-Avukat Generali oppona ghal din it-talba minhabba dak li jiddeskrivi bhala "numru ta' ragunijiet gustifikabbli fil-ligi" fosthom in-natura u l-gravita' tar-reat, l-krattru, antecedent u assocjazzjonijiet tal-imputati li lkoll jirriflettu l-element ravvizati fl-artikolu 575 (1) tal-Kodici Kriminali;*

*4. Illi waqt is-sottomissjonijiet orali l-Avukat Generali informa lil din il-Qroti illi fil-mori kienet inharget Att ta' Akkuza okntra l-imputati. Ghar-rikorrenti, dan ifisser illi il-provi huma kollha kompiltati u dan ghandu jissarraf f'sitwazzjoni fejn ma ghadx hem mil-biza ta' intralc fil-provi;*

*5. Il-Qorti rat u ezaminat is-sentenzi kemm lokali kif ukolld awk tal-Qorti ta' Strasbourg inkluz id-digrieti ta' din il-Qorti li ghalihom saret referenza mill-partijiet. Issa tajjeb li jkun mfakkar illi kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu u ma jfissirx, ghalhekk, illi ghaliex imputat inghata l-helsien mill-arrest, jew ghall kuntrarju kienet michuda t-talba tieghu, f'kaz partikolari ghandha bilfors tkun replikata dik id-deizjoni minghajr ezami tal-fatti partikolari ghal dak il-kaz u ghal dak l-individwu. Dan ghaliex naturalment u invajabilment jista' ikun hemm diversi fatturi li ma jkollhome bda somiljanza ma' xi kaz in disamina;*

*6. Issa, l-Avukat Generali isostni illi minkejja l-eghluq tal-kumpilazzjoni, apparti l-gravita' tar-reat allegat fil-konfront tal-imputati, xorta wahda hemm il-biza tal-harba, dik ta' intralc fil-provi aktar u aktar iss ali l-imputati jafu l-akkuza kontra taghohm u li sejbien*

*ta' htija tita ggib maghha l-ghoor bhala piuena. Inoltre l-Avukat Generali jinsisti illi l-investigazzjonijiet kontra terzi ghadhom ghaddejjin u li r-rilaxx tal-imputati, illum akkuzati, jista' jkun ta' pregudizzju f'dan ir-rigward;*

*7. Dan tal-ahhar huwa element importanti hafna li jimmerita attenzjoni f'dan il-kaz partikolari. L-artikolu 575 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li f'kaz ta' imputat ta' delitt suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor, il-Qorti "tista taghi l-helsien mill-arrest, biss jekk wra li tikkusnidra ic-crikostani kollha tal-kaz, in-natura u l-gravita tar-reat, il-karattru, antecedenti, asscjoazjonijiet u rabtiet fil-komunita' tal-imputat,* ***kif ukoll kull haga ohra li tkun tidher li hi rilevanti"*** *(enfasi ta' din il-Qorti). L-Avukat Generali gia ghamel referenza ghal-raguni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta dwar talba tal-istess akkuzati ud an f'digriet tal-4 ta' Mejju, 2019 fejn kien imlissen il-hseib ossia il-preokupazzjoni ta' intralc fl-investigazzjonijiet kif ukoll il-biza ta' "public disorder".*

*8. Huwa minnu illi minn dak-inhar kien hemm kambjament fic-cirkostanzi billi inghalqet il-kumpilazzjoni u inhaget kontra l-imputati Att ta' Akkuza. Dan, izda, wahdu ma jnaqqas xejn mill-biza li jista' jkun hemm intralc fl-investigazzjonijiet ghaddejjin kontra terzi;*

*9. Issa, ghalkemm din is-stwazzjoni ma tistax tibqa' hekk b'mod indefinit, f'dan l-istadju tal-proceduri u tal-investigazzjoni kurrenti, din il-Qroti, wara li qieset dak kollu ravvizat fl-artikolu 575 (1) tal-Kodici Kriminali u wara l-kunsiderazzjonijiet appena maghmula, tqis illi l-opposizzjoni tal-Avukat Generali, fil-prezent, hija wahda gustifikata.'* (fol. 262 et seq)

8. 2 ta' Marzu, 2020: Rikors kontenenti talba ghall-liberta' provizorja tar-rikorrenti odjerni prezentat quddiem il-Qorti

Kriminali wara li kienet inharget l-att ta' akkuza nhar is-16 ta' Lulju, 2019 (fol 281 et seq). Dan ir-rikors gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Mhallef Edwina Grima nhar is-6 ta' Marzu, 2020 fejn it-talba ghall-helsien mill-arrest giet michuda kif isegwi:

*'Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu li jigi lilhom koncess il-helsien mill-arrest billi issa ilhom sentejn mizmuma taht arrest preventiv, l-kumpilazzjoni u l-gbir tal-provi huwa maghluq u allura lanqas ma hemm il-biza ta' intralc ta' provi. Oltre dan fil-fehma taghhom ma jezistux il-bizat ravvizati fl-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali li b'xi mod jistghu jiggustifikaw ic-cahda tal-helsien mill-arrest. Jikkontendu illi huma lesti li joqghodu ghal kull kundizzjoni li l-qorti tista timponi inkluz li jigu assoggetti ghal electronic tagging liema prassi qed tigi ezercitata prezentement fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fir-rigward ta' prigunieri li qeghdin jiskontaw sentenza karcerarja u ukoll lesti li ghal hin ta' bil-lejl huma jirtiraw gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jigi evitat kull inkonvenjent li id-direttur tal-Facilita' Korrettiva jista' jigi rinfaccjat biha minhabba l-electronic tagging li tirrikjedi sorveljaza kontinwa.*

*Illi l-Avukat Generali madankollu huwa tal-fehma kuntrarja mhux biss ghaliex iqies il-gravita' tar-reat li bih jinsabu akkuzati r-rikorrenti fejn huma qed jiffaccjaw piena ta' ghomor il-habs, izda ukoll ghaliex f'dan il-kaz fil-fehma tieghu jezistu il-perikli ravvizati fl-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali b'mod ewlieni il-biza' tal-harba u fuq kollox l-intralc fil-kors tal-amministrazzjoni tal-gustizzja bl-in genere marbuta mal-fattispecje ta' dan il-kaz (ghalkemm mhux fil-konfront tar-rikorrenti) ghadha attiva b'terzi persuni jistghu jkunu involuti fil-kummissjoni tar-reat li dwaru r-rikorrenti jinsabu mixlija. Mhux biss izda iqies illi hemm provi li jirrizultaw mill-atti illi sahansitra minn gewwa il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin l-akkuzati kellhom kuntatti ma' nies ohra li kienu involuti fil-*

*kummissjoni tar-reat. Iqies illi is-sistema adottata mid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fir-rigward tal-electronic tagging ta' persuni issentenzjati ma tistax tigi applikata fil-konfront ta' persuni mizmuma taht arrest preventiv billi lanqas hemm legislazzjoni li tirregola kif din ghandha issir.*

*Illi din il-Qorti kif ippresjeduta kienet diga esprimiet il-fehma taghha fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti ghal helsien mill-arrest. Illi dak li jippreokkupa lil-Qorti b'mod ewlieni huwa illi r-ramifikazzjonijiet ta' din il-kaz huma pjuttost wiesgha b'terzi persuni allegatament involuti fil-kummissjoni tad-delitt jigu imressqa il-qorti biss recentement, bl-inkjesta dwar l-in genere dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia ghadha miftuha u b'persuni ohra ghadhom qed jigu investigati b'rabta mal-kummisjoni tar-reat addebitat lir-rikorrenti. Mhux biss izda shanasitra minn gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jidher illi kienet qed issir komunikazzjoni bejn ir-rikorrenti tramite mandant ma' uhud minn dawn il-persuni hekk allegatament involuti. Illi allura il-Qorti ma jista' qatt ikollha is-serhan tal-mohh illi r-rikorrenti jistghu jaghtu dawk il-garanziji mehtiega mil-ligi ghal ghoti tal-helsien mill-arrest . . .*

*. . .Illi minn fatt li zviluppa tul dan l-iter processwali u allura anke fiz-zmien wara li giet ipprezentata l-att ta' l-akkuza huwa evidenti illi ix-xibka ta' kriminalita' involuta f'dan il-kaz ghadha ma gietx imrazzna kompletament billi kif inghad ghad hemm terzi persuni li jistghu jkunu involuti fil-kummissjoni ta'l-istess reat li x'aktarx diga' huma identifikati mill-pulizija u ghalhekk jista' jinholoq xkiel fil-process tal-amministrazzjoni tal-gustizza sabiex il-malviventi kollha jitressqu biex iwiegbuy ghall-ghemilhom.*

*Illi dak li qed tipproponi d-difiza li l-akkuzati jigu electronically tagged ma jistax jeradika din il-biza' u di piu mhuwiex la legalment u lanqas fattwalment. Illi din is-sistema ghadha ma gietx fis-sehh fir-rigward ta'*

*persuni mizmuma taht arrest preventiv billi lanqas hemm qafas legilsattiv li jirregolaha. Dan irid necessarjament jkun fuq saqajh qabel ma persuni li ghadhom gahddejjin process gudizzjarju u li allura ghadhom prezunti innocenti jigu issorveljati filwaqt li jkunu ghadhom mhux issentenzjati. Mhux biss izda l-qorti ma tistax tordna lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin jaghmel din is-sorveljanza billi il-persuni mizmuma taht arrest preventiv ma jaqghux taht is-setgha tieghu izda taht is-setgha tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva li ghandhom jaraw illi din is-sorveljanza tigi ezercitata. Illi inoltre ghalkemm bis-sistema tal-electronic tagging il-persuna moghtija il-helsien mill-arrest b'din il-kundizzjoni tista' tigi lokalizzta, madanakollu ma hemm l-ebda kontroll dwar il-persuna jew persuni li tista' tigi in kuntatt maghha/maghhom biex b'hekk ma tistax tingheleb il-biza' tal-intralc tal-provi b'din is-sistema.*

*Hija allura l-fehma ta' din il-Qorti ghal motivi hawn fuq migjuba illi minhabba l-fattispecje partikolari ta' dan il-kaz meta ghad hemm il-periklu li jista' jinholoq pregudizzju serju fil-kors tal-amministrazzjoni tal-gustizzja minhabba n-natura gravi tar-reati li dwarhom jinsabu mixlija r-rikorrenti, fejn fost ohrajn ghad hemm terzi persuni li qed jigu investigati ghadha tezisti dik il-biza rejali ravvizata fl-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali li almenu f'dan l-istadju ghadha tiggustifika d-detenzjoni tar-rikorrenti.' (*fol. 291 et seq)

Illi din il-Qorti rat li mis-suespost jirrizulta li fl-atti, r-rikorrenti prezentaw id-dokumentazzjoni ta' tmien rikorsi li huma ssottomettew fl-atti tal-akkuza fil-konfront taghhom relatata mal-mewt ta' Daphne Caruana Galizia. Il-Qorti dahlet fid-dettal tad-digrieti moghtija mill-Qrati imsemmija sabiex tivverifika hux minnu dak li qed isostnu r-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali odjern.

Apparti r-rikorsi suesposti, r-rikorrenti esebew ukoll l-atti ta' mill-anqas erba' rikorsi ghall-helsien mill-arrest fl-atti tal-akkuza dwar il-hasil ta' flus. L-ewwel wiehed jidher li jgib id-data tas-7 ta' Settembru, 2018 li fil-fatt gie milqugh mill-Magistrat Joseph Mifsud nhar it-30 ta' Ottubru, 2018 izda revokat l-ghada mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Edwina Grima wara appell mill-Avukat Generali (fol. 45 et seq). A fol. 148 gew esebiti l-atti ta' rikors datat id-29 ta' Marzu, 2019 liema rikors effettivament gie milqugh u r-rikorrenti nghataw il-liberta' provizorja permezz ta' digriet tal-Imhallef Giovanni Grixtri datat 12 ta' April, 2019. Dan id-digriet inghata nonostante li f'digriet precedenti tal-istess gudikant datat 21 ta' Novembru, 2018, f'dak l-istadju l-liberta' provizorja kienet giet michuda. Ir-raguni ndikata fit-12 ta' April, 2019 ghalfejn effettivament inghatat il-liberta` provizorja lir-rikorrenti f'dawk l-atti, wara li kienu tressqu u kien ilhom arrestati mis-27 ta' Gunju, 2018, kienet li f'dak l-istadju kienu tressqu x-xhieda kollha da parti tal-prosekuzzjoni u ghalhekk ma kienx ghadhom jissusistu l-bizghat ravvizati taht l-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali ghall-kuntrarju ta' dak dikjarat fid-digrieti precedenti (ara digriet a fol. 160 et seq tal-process) Dan ifisser li f'dawk il-proceduri r-rikorrenti inghataw il-liberta` provisorja wara li kien ilhom arrestati ghaxar xhur fejn nghataw il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet. Ir-rikorrenti ma setghux izda juzufruwixxu mill-helsien moghti lilhom rizultat li kien ghadhom taht arrest preventiv fil-kaz tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

**L-ilmenti tar-rikorrenti taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem:**

a) Illi l-ewwel ilment tar-rikorrenti taht l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea hu li ebda Qorti ma hi ser taghtihom il-helsien ghax dawk il-Qrati esprimew il-fehma avversa.

Il-Qorti rat li l-atti esebiti mir-rikorrenti stess fil-kaz tal-akkuzi dwar il-Hasil ta' Flus jevidenzjaw u juru mod iehor. Fil-fatt f'dawk l-atti johrog car li ghalkemm ghall-ewwel xhur sakemm instemghu il-provi kollha l-Qrati kienu qed jirrifjutaw il-helsien mill-arrest a bazi tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9 partikolarment minhabba biza' ta' ntralc ta' provi, wara li effettivament instemghu ix-xhieda kollha f'dak il-kaz, kienet l-istess Qorti preseduta mill-istess Imhallef li f'dak l-istadju ordnat il-helsien mill-arrest. Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm il-Qrati f'dawn it-tip ta' digrieti jesprimu ruhhom dwar jekk ghandhiex tinghata l-liberta` provizorja jew le, dan jaghmluh izda wara analizi tal-atti prezentati quddiemhom sa dak il-mument, ghalhekk bdil fl-istat tal-atti jista' jwassal lill-Qrati sabiex ibiddlu l-fehma u fil-fatt fi stadji ohra jakkordaw il-liberta' provizorja. Ma hemmx dubju ghalhekk li l-proceduri ghall-helsien mill-arrest huma proceduri hajjin tul il-kumpilazzjoni tal-atti u wkoll wara li tkun inharget l-akkuza u l-varjazzjoni fl-istess atti twassal sabiex gudikant f'mument ikollu raguni ghalfejn jirrifjuta l-helsien mill-arrest u f'mumenti ohra aktar inoltrati jara li ma jkunx ghadhom jezistu dawn ir-ragunijiet u l-ligi ttih il-poter li jakkorda l-liberta' provizorja.

Il-Qorti ghalhekk in vista tal-kunsiderazzjonijiet suesposti ma tqisx li dan l-ilment kif relatat ma' dawn ic-cirkustanzi huwa gustifikat u ghalhekk ma jirrizultax ksur tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem.

b) Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li l-Qrati Kriminali mhux qed isegwu l-insenjamenti tal-Qrati Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea dwar il-helsien mill-arrest u wkoll li mhux jaghtu decizjonijiet motivati ghar-rifjut.

Illi minn analizi tad-digrieti riportati aktar il' fuq jirrizulta li dan assolutament mhux il-kaz. Jirrizulta lil din il-Qorti li l-bazi tad-digrieti tad-diversi gudikanti fl-atti kienet dejjem l-artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet b'referenza wkoll ghall-insenjamenti partikolari tal-Qorti Ewropea tant li fil-maggorparti taghhom id-digrieti kollha jaghmlu referenza ghal bosta gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Il-Qorti rat ukoll li l-istess Qrati fid-digrieti taghhom ghamlu wkoll referenza ghall-istess gurisprudenza ripetuta ghal aktar minn darba, darbtejn fir-rikorsi tal-istess rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta lil din il-Qorti li l-Qrati Kriminali fid-digrieti taghhom dejjem sostnew id-decizjoni taghhom a bazi tal-erba' kriterji stabiliti mill-Qorti Ewropea kif ukoll tenut kont bhala bazi l-insistenza tal-Qorti Ewropea li l-imputat / akkuzat huwa dejjem presunt innocenti waqt il-proceduri.

Illi din il-Qorti rat ukoll partikolarment mit-trattazzjoni tal-abbli avukat tar-rikorrenti li filwaqt li huma ghamlu emfasi fuq uhud mid-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea jinjoraw izda decizjonijiet ohra li jsostnu li f'certu cirkostanzi huwa permissibbli li persuni, ghalkemm presunti innocenti, jibqghu jinzammu taht arrest preventiv u dan anki oltre certu limiti ta' zmien mposti mil-ligi.

Illi minn analizi tad-digriet suesposti l-Qorti rat li fir-rikorsi inizjali l-Qrati li kellhom f'idejhom l-atti tal-kumpilazzjoni (ghall-kuntrarju ta' din il-Qorti li m'ghandix l-atti ghax mhux fil-kompetenza taghha) kienu qed jaraw li r-ragunijiet kollha

moghtija mill-artikolu 575 li jipprovdi l-eccezzjoni ghall-ghoti tal-helsin mill-arrest kienu qed jigu ravvizati u ghalhekk il-liberta' provizorja kienet qed tigi michuda. Referenza partikolari kienet qed issir ghall-fatt li l-provi kienu ghadhom qed jingabru u wkoll in-nuqqas ta' affidabilita' tar-rikorrenti.

Illi jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li, partikolarment fid-digrieti moghtija fis-sena 2019 'l quddiem, ir-ragunijiet principali li kienu qed jinghataw mill-istess Qrati ghar-rifjut tal-helsien mill-arrest kienu l-fatt li l-inkjesta *in genere* kienet ghadha attiva kontra terzi allura kienu qed jirravizaw biza ta' ntralc ta' provi f'kaz li r-rikorrenti jinghataw il-helsien mill-arrest. Il-Qrati wkoll kienu qed jenfasizzaw li l-fattispecie tal-kaz in disamina kienu ferm aktar wiesa' minn dawk riflessi fl-atti processwali kif limitati biss kontra r-rikorrenti u ghalhekk la darba kienu qed jaraw li hemm terzi ohra involuti u li kienu ghadhom ma gewx identifikati allura l-liberta` provizorja kienet qed tigi rifjutata. Apparti minn hekk ir-ramifikazzjonijiet tal-kaz b'diversi nies involuti jidher li kienet qed tippreokkupa ferm il-Qrati b'referenza wkoll ghal biza' ta' dizordni pubbliku f'kaz li jinghata l-helsien mill-arrest, raguni din tal-ahhar li hija identifikata wkoll bhala gustifikabbli mill-Qorti Ewropea.

Illi jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li ghall-kuntrarju tal-proceduri l-ohra kontra r-rikorrenti fejn inghataw il-liberta` provizorja wara li nstemghu ix-xhieda kollha, f'dan il-kaz jirrizulta li anki wara li nharget l-att tal-akkuza, il-Qorti Kriminali baqghet tichad il-helsien mill-arrest fejn baqghet tigi emfasizzata fid-digrieti l-fatt illi l-investigazzjoni kontra terzi kienet ghadha ghaddejja u ghalhekk, ghalkemm kienet inharget l-att tal-akkuza l-Qorti Kriminali xorta kienet ghadha qed tirraviza ragunijiet taht l-

artikolu 575 u b'referenza ghall-insenjament tal-Qorti Ewropea sabiex jigi rifjutat il-helsien mill-arrest f'dak l-istadju.

Illi fil-fatt jirrizulta mid-digriet tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Marzu, 2020 li l-bizghat tal-Qrati fid-digrieti precedenti li seta' jkun hemm intralc ta' provi rrizultaw gustifikati stante li fil-frattemp kienet tressqet persuna ohra akkuzata bl-istess delitt. Nonostante li tressqet din il-persuna, l-inkjesta *in genere* baqghet miftuha u ghalhekk il-biza' tal-intralc tal-provi baqghet ezistenti. Apparti din ir-raguni, l-liberta` provizorja baqghet tigi michuda partikolarment stante li rrizulta mill-atti li r-rikorrenti sahansitra kien qed ikollhom kuntatt ma' terzi involuti anki waqt li kienu mizmuma taht arrest preventiv fil-habs. Dan kollu wassal il-Qorti Kriminali sabiex sal-ahhar digriet li gie esebit fl-atti odjerni ma kelliex serhan ta' mohh li ma jkunx hemm intralc tal-provi u ghalhekk il-liberta' provizorja baqghet tigi rifjutata. Jirrizulta lil din il-Qorti li r-rifjut ghall-liberta` provizorja l-Qorti Kriminali ma ghamlitux *in vacuum* izda waslet ghal din il-konkluzjoni wara li bbazat l-argumentazzjoni taghha fuq diversa gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li mhux talli l-Qrati Kriminali ghamlu hafna referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti Ewropea u wkoll ghall-linji gwida dwar l-artikolu 5 izda wkoll taw motivazzjoni ampja fid-digrieti taghhom ibbazata fuq l-atti processwali ghar-rifjut tal-helsien mill-arrest lir-rikorrenti in linea mal-istess Konvenzjoni u l-gurisprudenza.

Il-Qorti ghalhekk ma tqisx li dan l-ilment tar-rikorrenti li jallegaw ksur tal-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni b'referenza ghac-cirkustanzi suesposti, huwa gustifikat.

c) Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Qrati Kriminali ma lahqux bilanc bejn il-biza' u d-dritt ghall-helsien mill-arrest. Ma' dan ir-rikorrenti jzidu li n-nuqqas tal-possibilita' li jigi ordnat l-*electronic tagging* mill-Qrati qed jillimita l-possibilita' li huma jinghataw il-helsien mill-arrest b'dan li jsostnu li dan ukoll qed jirrizulta fi ksur tal-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni.

Illi mill-atti dwar l-akkuzi ta' Hasil ta' Flus johrog car li mhux minnu li ma ntlahaqx bilanc stante li fil-mument li rrizulta li tressqu l-provi kollha f'dawk l-atti, l-Qorti Kriminali mill-ewwel procediet sabiex taghti l-helsien mill-arrest lir-rikorrenti.

Illi mill-atti dwar il-qtil ta' Daphne Caruna Galizia jirrizulta li sal-ahhar digriet esebit, il-Qorti Kriminali baqghet temfasizza l-biza' tal-intralc tal-provi da parti tar-rikorrenti bhala r-raguni ghar-rifjut tal-helsien mill-arrest stante li l-inkjesta *in genere* wkoll kienet ghadha miftuha kif jidher li ghadha miftuha sal-lum. Jirrizulta lill-Qorti li l-biza ta' intralc tal-provi giet aktar msahha fl-ahhar digriet moghti mill-Onorevoli Mhallef Edwina Grima wara li rrizulta mill-atti ta' quddiemha li r-rikorrenti kien qed ikollhom kuntatt ma' terzi allegatament involuti wkoll fl-istess omicidju nonostante li kienu qed jinzammu taht arrest preventiv fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Fid-digriet taghha dik il-Qorti dahlet ukoll f'analizi tal-possibilita' tal-'electronic tagging' tar-rikorrenti sabiex ikunu jistghu jinghataw il-helsien mill-arrest izda warrbet din il-possibilita` kemm ghar-raguni li l-ligi ma tipprovdix ghaliha izda wkoll minhabba l-inaffidabilita' tar-rikorrenti li kienu qed jaghmlu kuntatt ma' terzi minn gewwa l-Facilita', kuntatt li l-'electronic tagging' ma jistax iwaqqaf jew jikkontrolla f'kaz li r-rikorrenti kellhom jinghataw il-helsien mill-arrest.

Illi din il-Qorti tqis li, f'cirkustanzi fejn kien qed jirrizulta lill-Qrati Kriminali li dwar l-istess omicidju kien ghad hemm inkjesta *in genere* miftuha u li kien hemm terzi li ghadhom qed jigu nvestigati u wkoll rinfaccjati bl-agir inaffidabbli tar-rikorrenti anki minn gewwa l-habs, l-Qrati Kriminali kienu gustifikati li sal-istadju tad-digrieti esebiti fl-atti ma jaghtux il-liberta' provizorja u ma taqbilx mar-rikorrenti li l-Qrati ma zammewx bilanc bejn il-biza' u d-dritt ghall-helsien mill-arrest.

Illi l-Qorti temfasizza li mhux kompitu ta' din il-Qorti li tagixxi ta' Qorti tal-Appell wara li r-rikorrenti gew michuda l-helsien mill-arrest diversi drabi mill-Qrati edotti mill-atti processwali tal-kaz u li ghandhom il-poter fil-ligi li jaghtu jew jichdu l-liberta' provizorja. Tenfasizza wkoll li jekk fil-frattemp setghu avveraw ruhhom fatti ohra fl-atti kriminali, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom sabiex tanalizza jekk ghandhomx jinghataw il-liberta' provizorja izda se mai r-rikorrenti ghandhom jaghmlu d-debitu rikors quddiem il-Qorti Kriminali u jenfasizzaw ir-ragunijiet taghhom ghalfejn iqisu li ghandhom jinghataw il-helsien mill-arrest f'dan l-istadju.

Illi l-Qorti in vista tas-suespost tqis ukoll li dawn l-ahhar ilmenti b'referenza ghall-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea bhala mhux gustifikati u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**B. Allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem – Id-dritt ghal procedument gust:**

Illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittjiet tal-Bniedem jaqra kif isegwi:

'1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistghu jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijeit hekk tehtiegl jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostani specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

2. Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skont il-ligi.

3. Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza kontra tieghu;
(b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;
(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assitenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;

(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;
(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata fil-qorti.'

Illi b'referenza ghal dan l-artikolu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-principju tal-'equality of arms' rizultat tas-segwenti:

a) Nuqqas ta' dirtt ta' appell ghall-imputat/akkuzat kuntrarju ghall-Avukat Generali li ghandu dritt li jappella jekk jinghataw il-helsein mill-arrest;

b) Id-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma hija sindakabbli bl-ebda mod.

Illi l-Qorti tqis li tista' titratta dawn iz-zewg lmenti f'daqqa. Jirrizulta li huwa minnu li fil-ligi kif inhi llum l-imputat/akkuzat ma ghandux dritt ta' appell minn digriet li permezz tieghu tigi michuda l-liberta' provizorja filwaqt li l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell f'kaz li tigi akkordata l-liberta` provizorja. Fil-fatt fl-atti gie esebit rikors a fol. 16 tal-process fl-atti tal-akkuzi ta' hasil ta' flus li appuntu rrizulta li l-Qorti tal-Magistrati akkordat il-helsien mill-arrest u l-Avukat Generali appella u d-decizjoni giet revokata. Pero' l-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghas-sottomissjoni tal-Avukat tal-Istat intimat li sabiex wiehed jevalwa proceduri humiex imparzjali jew le jehtieg li wiehed jara l-process shih u mhux biss parti minnu. Dan huwa wkoll sopportat minn gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ippronunzjat ruhha fuq il-principju ta' audi alteram partem jew equality of arms f'bosta mis-sentenzi taghha, fosthom **Kress v France** fejn stabbiliet li dan il-principju:

"... requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substanial disadvantage vis-a-vis his opponent."
[Applikazzjoni numru 39594/98, sentenza datata 7 ta' Gunju 2001.]

Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**, 3rd Edition page 70:
'**While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall**.'

Issa fil-kaz odjern jirrizulta li huwa minnu li fit-termini tal-artikolu 575 (4A), kif gia` riportat aktar il' fuq l-Avukat Generali, ghandu dritt ta' appell wara li jigi milqugh rikors ghall-helsien mill-arrest filwaqt li imputat/akkuzat m'ghandux dan id-dritt f'kaz li t-talba tigi michuda. L-Avukat tal-Istat izda jargumenta li dan in-nuqqas huwa kumpensat mill-istess ligi li tawtorizza lill-imputat / akkuzat li fi kwalunkwe stadju tal-proceduri jipprezenta talba ghall-helsien mill-arrest kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'kaz li l-process ikun jinsab rinvijat ghandha jew quddiem il-Qorti Kriminali. Jenfasizza wkoll li ma hemmx limitu ghal kemm-il darba tista' tigi ntavolata din it-talba. Ukoll il-ligi timponi fuq il-Qorti sabiex tanalizza l-validita' tal-kontinwita ta' arrest preventiv kull hmistax-il gurnata.

Il-Qorti rat mill-atti li r-rikorrenti, ghalkemm fil-ligi ma ghandhom l-ebda dritt ta' appell minn rifjut ta' talba ghall-helsien mill-arrest, huma ghamlu uzu ferm ampju mid-dritt moghti lilhom fil-ligi li jintavolaw diversi talbiet ghall-ghoti ta' helsien mill-arrest. Fil-fatt jirrizulta fl-atti li dahlu mill-anqas tmien talbiet fl-atti tal-omicidju uhud minnhom dahlu l-ghada li jkun gie rifjutat ir-rikors precedenti. Jirrizulta wkoll li dawn it-talbiet marru quddiem diversi gudikanti skont il-process fejn ikun u wkoll l-istadju tal-proceduri.

Il-Qorti wara li ezaminat l-atti, l-ligi in konsiderazzjoni u dak li jinghad mill-Qorti Ewropea tqis li ghandha taqbel ma' dak espost mill-Avukat tal-Istat. Fl-ewwel lok il-Qorti Ewropea wkoll tikkonferma li d-dritt ghal smigh xieraq mhux neccessarjament jinkludi dritt ta' appell f'kull cirkustanza. Fit-tieni lok, ghalkemm huwa minnu li l-ligi ma tipprovdix ghal appell lill-imputat/akkuzat la minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati u lanqas tal-Qorti Kriminali fuq cahda ghal-liberta' provizorja u dan in-nuqqas prima facie jista' jidher li jipprovdi zbilanc kontra l-istess imputat/akkuzat, l-Qorti tqis li dan in-nuqqas huwa sew bilancjat mid-dritt tal-imputat/akkuzat li jerga' jintavola rikors gdid fi kwalunkwe mument tal-proceduri kif effettivament jirrizulta li ghamlu r-rikorrenti. Ghalhekk jirrizulta li huwa ferm importanti li f'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti tqis l-istampa wiesa' tal-procedura kollha u mhux biss is-sub-artikolu partikolari li fuqha qed iressqu l-ilment ir-rikorrenti.

Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tqis ukoll li l-ilment tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll mhux gustifikat.

**B. Allegat ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem – Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni:**

Illi r-rikorrenti jsostnu li a bazi tal-istess nuqqas ta′ dritt ta′ appell taghhom minn decizjoni kontra l-ghoti tal-helsien mill-arrest, ghall-kuntrarju tad-dritt ta′ appell tal-Avukat Generali f′kaz li din tinghata, jwassal ukoll li qed jigu diskriminati bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-Artikolu 14 jaqra kif isegwi:

'It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f′din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma′ minoranza nazzjonali, proprjeta′, twelid jew statut iehor.′

L-Avukat tal-Istat intimat jikkontendi li l-ilment tar-rikorrenti ma jaqa′ taht l-ebda kategorija fil-lista ezawrjenti msemmija taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti taqbel ma′ dak sottomess mill-Avukat tal-Istat. L-allegata disrkiminazzjoni dwar in-nuqqas ta′ dritt ta′ appell ma taqa′ taht l-ebda kategorija msemmija fl-artikolu 14 u ghalhekk certament li ma jirrizultax ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taht dan l-artikolu.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi filwaqt li tilqa′ r-risposta tal-Avukat tal-Istat intimat u stante li ma sabet l-ebda

lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikoli 5 inkluz sub-artikolu 3, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Marzu 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Marzu 2021**